MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 858/2009

Go Plc (C22334)
Vs
Elaine Fitouri (ID0388079M)

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' sitt mija u erbatax-il ewro u hamsa u tlettin ewro centezmu (€614.35) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefoniku li jgib in-numru 21490028 (CN-1040402 - AC10168935) skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba u skont diversi kontijiet mibghuta lil-konvenuta ( Dok.A , B u C.).

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li  l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2009 mill-Avukat Keith Grech.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------